MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 177/2011

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Giuseppe Carmelo Borzi (K.I. 40865A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija sitta u erbghin ewro u disghin centezmu (€746.90) liema mmont huwa dovut in konnessjoni ma’ servizzi moghtija mis-socjeta’ attrici skont kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok A u B, kif ukoll ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza; illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-ahhar pagament u cioe’ mill- 31 ta’ Awwissu 2010 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl- 20 ta' Frar, 2013 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova 'l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' seba' mija sitta u erbghin ewro u disghin centezmu (€746.90) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-ahhar pagament u cioe' mill- 31 ta' Awwissu 2010 sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------